# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(AGENT PRESIDENT)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Frar 2016**

**Numru**

**Rikors numru 22/09 RGM**

**Jacqueline Balzan f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri Filippa, Mario, Georgina, u Karl ahwa Balzan**

**v.**

**Joseph Balzan**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-attrici li permezz tieghu ippremettiet:

> "1. Illi l-kontendenti zzewwgu fl-24 ta' Settembru 1994 u mill-istess zwieg twieldu erbat itfal bl-isem ta' Filippa (illum ta' tmien snin), Mario u Georgina (tewmin illum ta' erba' snin) u Karl (illum ta' sentejn u nofs).
>
> "2. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba tortijiet attribwiti lill-intimat u senjament eccessi, mohqrija,

minacci, theddid u ingurji gravi da parti tieghu, u in subsidum, ghax. iz-zwieg tkisser irrevokabilment.

“3. Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata li tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f’dan is-sens wara li tterminaw il-proceduri ta' medjazzjoni skond il-Ligi, liema digriet igib in-numru 69/09 u huwa datata 16 ta' Jannar 2009.

“4. Illi t-tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn, u ghalhekk kellhom jigi intavolati dawn l-odjerni proceduri;

“Jghid ghalhekk l-istess intimat, ghaliex ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tiddikjara u tipprononzja is-separazzjoni bejn il-kontendenti ghal tortijiet imputabbli lill-intimat, u konsegwentament tistabilixxi d-data meta l-istess intimat ghandu jkun ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment.

“2. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-erbat' itfal minuri tal-kontendenti fuq msemmija, jigu fdati esklussivament f’idejn l-attrici, salv id-dritt ta' access li din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkorda lill-intimat ghall-istess minuri, taht dawk il-kundizzjonijiet li hi jidhrilha xierqa u opportuni u dan kollu skond l-ahjar interess tal-minuri.

“3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas li l-attrici, u dan ghaliha u ghall-istess minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti, pagabbli mill-intimat lill-istess rikorrenti fil-gimgha jew fix-xahar kif jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti u bi provvedimenti jekk opportun, ghal zieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, jew jekk hekk jidher xierqa lill-istess Qorti, tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali u/jew tassenja proprjeta' immobiljari lill-attrici li fil-fehma tal-Qorti tkun gusta u sufficjenti bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 54 (3) u (6) tal-Kap 16.

“4. Tapplika kontra l-intimat, interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' 1-Artikoli 48, 51 u 53 tal-Kap 16.

“5. Tiddikjara xjolta il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni

jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din l-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-intimat, okkorrendo jekk hemm bzonn, il-hatra ta' perit nominandi.

"6. Tikkundanna lill-intimat jikkonsenja lill-attrici l-beni/krediti dotali u parafernali kollha taghha u tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

"7. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq 1-istess att.

"8. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti."

Rat ir-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

"1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti ghalkemm ghadu tal-fehma li rikonciljazzjoni hi possibbli, mhuwiex jopponi li tigi ppronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti pero b'tortijiet imputabbli unikament lill-attrici kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u li dwarhom l-esponent qed jiddeduci talbiet opportuni f'kontrotalba hawn annessa. Ghalhekk it-talbiet attrici in kwantu jimputaw xi tort lill-eccipjenti ghall-ksur tal-hajja mizzewwga huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u hija l-attrici hatja ghall-firda tal-kontendenti minhabba sevizzi, ingurji gravi, fissazzjoni u reghba ghall-flus u l-proprjeta, swat u abbandun minnha perpetrati;

"2. Illi fir-rigward tat-tieni talba, il-kura u l-kustodja tal-erbat itfal ghandha tkun kongunta u access lejhom ghandu jkun illimitat;

"3. Illi t-tielet talba m' ghandhiex tintlaqa' partikolarment fil-konfront tal-attrici anki minhabba li l-istess attrici ghandha introjtu separat wara li qabdet u hadet il-vann ghall-bejgh tal-haxix u qabdet u uzat il-posta li qeghdha f'isem il-konvenut;

"4. Illi fir-rigward tar-raba' talba din m'ghandhiex tintlaqa' u l-effetti prefissi mill-artikolu 48 et seq. tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-attrici u dan ghar-ragunijiet li jigu spjegati fid-dettall waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"5. Illi fir-rigward tal-hames talba, hemm qbil salv dak deciz fir-rigward tar-raba' talba;

"6. Illi fir-rigward tas-sitt talba, din m' ghandhiex tintlaqa' ;

"7. Illi fir-rigward tas-seba' talba, hemm qbil;

"8. Illi fir-rigward tat-tmien talba, hemm qbil;

"Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat il-kontro talba ta' Joseph Balzan li tghid hekk:

"Kontro-talba

"1. Illi l-partijiet izzewwgu fl-24 ta' Settembru,1994 u minn dan iz-zwieg huma ghandhom erbat itfal, Filippa ta' 8 snin, Mario u Georgina tewmin ta' 4 snin u Karl ta' sentejn.

"2. Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment u l-hajja matrimonjali ta' bejniethom saret impossibli minhabba li l-attrici qabdet u telqet mid-dar matrimonjali, u abbandun u swat u ingurji gravi da parti tal-attrici Jacqueline Balzan.

"3. Illi l-esponenti ghamel minn kollox sabiex issalva z-zwieg ta' bejn il-partijiet, pero' l-attrici kompliet bl-abbandun totali fil-konfront tal-konvenut u fil-konfront ta' uliedhom u fil-fissazzjoni taghha fuq il-flus u fuq il-proprjeta.

"4. Illi l-attrici ghalkemm fit-tort, kienet intransigenti fi t-talbiet taghha ta' kif ghandha tigi likwidata 1-komunjoni tal-akkwisti u mohhha biss biex tiehu l-flus u l-proprjeta.

"5. Illi l-attrici taghmel il-bsaten fir-roti biex Joseph Balzan jara lil uliedu u mohhha biex tuza' isem zewgha biex tordna u taghmel djun.

"6. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti.

“7. Illi l-esponent qieghed jipprevalixxi ruhu mill-fakolta lilu moghtija u jressaq din il-kontrotalba ghat-talbiet attrici skond il-ligi.

“8. Illi l-fatti hawn dikjarati jafhom Joseph Balzan personalment.

“Ghaldaqstant l-konvenut rikonvenzjonat permezz ta' din il-kontrotalba umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba htija jew htijiet imputabbli lill-konvenuta billi hija rrendiet ruhha hatja fil-konfront tar-rikorrenti ta' sevizzi, ingurji gravi, swat, abbandun u fissazzjoni fuq flus u proprjeta.

“2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lir-rikorrent ghalih retta alimentarja f'dak l-ammont u taht dawk il-modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa kif ukoll manteniment ghal uliedhom.

“3. Tiddikjara xolta u terminata il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti 1-komunjoni tal-akkwisti tigi maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrent u l-ohra lill-konvenuta, u dan okkorrendo, ghall-finijiet ta' din it-talba bl-opera ta' periti nominandi u billi tigi stabbilita data bhala d-data meta l-attrici tigi kkunsidrata li tkun hatja tal-firda b'tali mod li l-attrici titlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila ta' Joseph Balzan.

“4. Tordna d-dekadenza tal-konvenuta mill-jeddijiet konjugali kif mahsub fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta tapplika kontriha interament jew in parte d-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48, 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

“5. Tikkundanna lill-konvenuta jikkonsenja lir-rikorrenti l-beni dotali u parafernali tieghu.

“6. Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta l-attrici fl-eventwali kontumacja taghha fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum u hin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.

“7. Tawtorizza lill-eccipjenti jabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-attrici.

"Bl-ispejjez kontra Jacqueline Balzan ingunta in subizzjoni."

Rat ir-risposta relattiva ta' Jacqueline Balzan ghall-kontro-talba tal-intimat:

"1. Illi dwar l-ewwel talba, l-esponenti ma hijiex topponi li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda minhabba htija mputabbli unikament lill-intimat rikonvenzjonanti, fosthom abbandun, theddid, sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija, swat, ingurji gravi, molestji u ghazz u dan kollu kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghalhekk it-talbiet tal-intimat rikonvenzjonanti in kwantu jattribwixxu xi tort lir-rikorrenti rikonvenzjonata huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

"2. Illi t-tieni talba rikonvenzjonali ghandha tigi michuda stante li huwa l-intimat li ghandu jmantni lir-rikorrenti.

"3. Illi t-tielet talba rikonvenzjonali ghandha tigi milqugha in parti in kwantu tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-oggetti formanti parti minnha jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi hekk stabbilit u ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, occorrendo bil-hatra ta' periti nominandi, izda din il-Qorti ghandha tistabilixxi d-data meta l-intimat ghandu jigi kkonsidrat li kien hati tal-firda b'tali mod li tilef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila u l-hidma tar-rikorrenti Jacqueline Balzan.

"4. Illi r-raba' talba rikonvenzjonali ghandha tigi wkoll m ichuda stante li l-esponenti ma kkominat f'ebda deikadenza, u ghal kuntrarju l-effetti tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-intimat, minhabba ragunijiet li ser jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"5. Illi l-hames talba rikonvenzjonali ghandha tigi wkoll michuda peress illi l-intimat ma ghandux krediti u beni parafernali fil-pussess tal-esponenti.

"6. Illi s-sitt talba ghandha tigi milqugha skond il-ligi.

"7. Illi s-seba' talba ikonvenzjonali ghandha tigi michuda.

"8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fis-26 ta' Frar 2015 li permezz taghha il-Qorti iddecidiet:

"**Decide**.

"Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta u tiddeciedi din il-kawza u l-kontro-talba billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut ghat-talbiet attrici, u tichad it-talbiet rikonvenzjonali sakemm mhux kompatibbli ma' dak li ser jigi deciz:-

"1. Tilqa' l-ewwel talba attrici, tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet konjugi Balzan htija unika tal-konvenut kif fuq spjegat. Tistabbilixxi d-data tas-27 ta' Awissu 2008 bhala d-data li minnha l-konvenut ghandu jigi kkunsidrat li huwa hati tal-firda.

"2. Tilqa' t-tieni talba attrici, tordna illi l-kura u kustodja tal-erbat itfal minuri tal-partijiet tkun affidavta esklussivament f'idejn l-attrici.

"3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-ulied s-somma ta' €694.00 fix-xahar (€173.50 fix-xahar ghal kull wild) liema manteniment jizdied kull sentejn skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa' jithallas anke wara li jaghlqu tmintax-il sena jekk jibqghu jistudjaw *full-time.* Dwar l-arretrati ta' manteniment dovut mill-konvenut ghall-minuri li sal-10 ta' Gunju 2014 akkumulaw fis-somma ta' €24,732.00, il-Qorti tordna li in sodisfazzjoni tal-hlasijiet ta' arretrati ta' manteniment *pendente lite* dovuti sallum (u mhux sal-10 ta' Gunju 2014) ghall-minuri il-Qorti tordna li jigi assenjat lill-attrici l-garaxx numru wiehed (1), sottostanti l-fond 'Lilly of the Valley', Triq il-Kbira k/m Triq Mikelang Sapiano, Zebbug. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma globali ta' tmient elef u erba' mitt euro (€8,400) bhala manteniment lill-attrici ghal perijodu mhux prorogabbli ta' sentejn millum bir-rata ta' tlett mija u hamsin euro fix-xahar.

"4. Tilqa' r-raba talba attrici u tapplika fil-konfront tal-konvenut il-penalitajiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"5. Tilqa' l-hames talba attrici, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna u tikkundanna l-hlasijiet u l-assenjazzjonijiet kif ordnati supra taht l-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti".

"6. Tilqa' s-sitt talba attrici bil-mod kif deciz taht l-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

"7. Tinnomina lin-Nutar Dottor Nicholas Briffa sabiex jircevi u jippublika l-att tal-assenjazzjoni tal-immobbli kif fuq ordnat u tinnomina lil Dr Francina Abela bhala kuratrici ghall-eventwali kontumaci.

"8. Tilqa' t-tmien talba attrici.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"L-attrici qed titlob li l-Qorti tiddikjara li ghat-tkissir taz-zwieg kien jahti unikament il-konvenut minhabba "eccessi, mohqrija, minacci, theddid u ingurji gravi da parti tieghu". Il-konvenut qed jitlob fil-kontro-talba minnu intavolata li l-Qorti tiddikjara li ghat-tkissir taz-zwieg kienet tahti unikament l-attrici minhabba "sevizzi, ingurji gravi, swat, abbandun u fissazzjoni fuq flus u proprjeta".

"In tema legali jinghad illi "l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom" (**Marthese Vella pro et noe vs. George Vella** – PA deciza 28 ta' Frar 2003). Issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius**" deciza fl-10 ta' Dicembru 1951 fejn gie dikjarat illi:-

> "Mhux kull tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill-iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi.
>
> "Huma sevizzji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti.
>
> "Ix-xehha tar-ragel, meta hija esagerata u eccessiva tista' tikkostitwixxi sevizzja li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."

"Ezami tal-provi mressqa, b'mod partikolari it-testimonjanzi tal-partijiet, juri bl-aktar mod car sitwazzjoni fejn il-karattri rispettivi tal-partijiet huma dijametrikament opposti u konfliggenti ma' xulxin. L-aktar aspett li jispikka fl-analizi tal-komportament rispettiv tal-partijiet fil-hajja matrimonjali taghhom hu illi sa mill-bidunett kien hemm kuntrast qawwi bejn il-mod kif il-partijiet harsu lejn iz-zwieg taghhom. Huwa xieraq jigi rilevat li nonostante il-mewt tal-ewwel wild taghhom (tewmin) l-attrici irnexxielha teleb tali diffikulta' u tistinka sabiex tifforma u trabbi familja. Il-Qorti temmen il-verzjoni li tat l-attrici illi l-konvenut kien vjolenti maghha diversi drabi matul is-snin anke meta kienet tqila bit-tifla Filippa. Jirrizulta wkoll

mix-xhieda attendibbli tal-attrici illi l-konvenut kien ihares lejn iz-zwieg bhala mod kif ukollu mara li taqdih fil-bzonnijiet kollha tieghu.

“Huma diversi l-episodji ta’ vjolenza li l-attrici sofriet minn idejn il-konvenut.

“Jirrizulta wkoll illi it-tlett ulied minuri kienu l-vittma ta’ vjolenza da parti tal-konvenut, mhux necessarjament fizika izda certament vjolenza morali meta kien jerfa jdejh fuq l-attrici fil-presenza tal-minuri. Kienu ftit il-kazijiet li l-attrici ghamlet rapport dwarhom lill-Pulizija u ttiehdu passi bil-Qorti. Rilevanti jigi sottolineat il-kaz **Pulizija vs. Joseph Balzan** fejn il-konvenut kien ammetta quddiem il-Qorti tal-Magistrati illi kien offenda lill-attrici u besqila. Mill-fedina penali tal-konvenut jirrizulta wkoll incident iehor fejn il-konvenut kien xerred diskors dispreggattiv u malafamanti u ingurjuz fil-konfront tal-attrici.

“L-agir vjolenti tal-konvenut ma kienx rizervat esklussivament ghall-attrici tant li b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet **Pulizija vs Joseph Balzan** il-Qorti kienet sabet lill-konvenut hati li fil-11 ta’ Marzu 2009 kien qal kliem u ghamel gesti bil-hsieb li jtellef il-gieh ta’ bintu Filippa. F’dik l-okkazzjoni l-konvenut kien intbaghat xahar habs sospizi ghal sentejn.

“Ghalkemm il-konvenut jichad li qatt kien vjolenti mal-attrici, il-Qorti hi tal-fehma illi l-verzjoni tal-attrici hija attendibbli u li l-konvenut mhux jghid il-verita’

“Ghalkemm il-konvenut fix-xhieda tieghu jilmenta illi l-attrici kienet abbandunat il-familja ghaliex kienet tahdem hafna, il-fatti juru illi l-attrici kienet kostretta illi tahdem sabiex tkun f’posizzjoni li z-zomm livell tajjeb ta’ ghixien ghall-familja taghha specjalment it-tfal.

“Hija riflessjoni tal-karattru difficli tal-konvenut dak li gara fejn kien jahdem meta nonostante diversi twissijiet li kien inghata minn min kien ihaddmu, kien injorhom u spicca mkecci minn fuq il-post tax-xoghol. Dan l-agir irresponsabbli jikber fil-gravita’ tieghu meta jittiehed in konsiderazzjoni li l-konvenut kellu l-obbligu li jsostni familja b’erbat itfal.

“Il-kulminu tal-agir irresponsabbli u abbuziv tal-konvenut jilhaq il-qofol tieghu meta wara li tkecca mix-xoghol rizultat tal-agir tieghu fuq il-post tax-xoghol, waqqaf lill-attrici milli tkompli bil-hidma taghha li tbiegh il-haxix fil-posta taghhom ghaliex ried li dik il-posta jokkupaha hu minflok l-attrici. Bir-rizultat kien illi anke dik il-hidma irnexxielu jfarrak u spicca biex anke minn dan ix-xoghol ta’ bejgh ta’ haxix waqaf.

“Bhal donnu dan ma kienx bizzejjed, il-konvenut iddecieda wahdu li jitlob lid-Dipartiment tal-Gvern koncernat sabiex jirtira l-licenzja tat-trobbija tat-tigieg li kienet fuq ismu, ghalkemm ottenuta matul iz-zwieg, sabiex b’hekk

zamm u eskluda lill-attrici milli tezercita xoghol fit-trobbija tat-tigieg u jkun hemm dhul ghall-bzonnijiet tal-familja specjalment tal-erba' ulied minuri li l-partijiet gabu fid-dinja.

"M'hemmx dubju illi l-konvenut ghamel minn kollox sabiex ifarrak u jkisser iz-zwieg ta' bejn il-partijiet ghaliex bl-agir vjolenti u irresponsabbli tieghu irrendha l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet mhux biss insopportabbli izda wkoll perikoluza. Il-provi juru illi kieku ma kienx ghall-hidma bla heda tal-attrici, nonostante l-ostakoli kollha li ghogbu jipprovdi l-konvenut, ulied il-partijiet kienu jispiccaw jghixu f'sitwazzjoni ta' faqar u mizerja.

"Ghalhekk minghajr ebda ezitazzjoni din il-Qorti qed tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser unikament htija tal-konvenut minhabba. sevizzi, ingurji gravi, u swat.

"**Kura, Kustodja u Access tal-Minuri**.

"Il-partijiet ghandhom erbat itfal., Filippa li llum ghandha erbatax-il sena, it-tewmin Mario u Georgina li llum ghandhom ghaxar snin, u Karl li llum ghandu tmien snin. Kemm ilhom il-partijiet separati *de facto*, it-tfal dejjem kienu jirrisjedu ma' ommhom l-attrici.

"L-attrici qed titlob li l-kura u kustodja tigi affidata lilha filwaqt li l-konvenut qed jitlob li l-kura u kustodja "ghandha tkun kongunta". [1]

"Fid-dawl tal-osservazzjonijiet u l-konsiderazzjonijiet fuq gia' maghmula, il-Qorti hi tal-fehma illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, tenut kont tal-kuntrasti spissi u irrikonciljabbli ta' bejn il-partijiet, ma hux fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja tal-minuri, ossia s-setgha tal-genitur, tigi affidata u ezercitata miz-zewg genituri flimkien. Bi storja ta' glied kontinwu fuq medda ta' snin bejn iz-zewg genituri, l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi mhux fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja tigi affidata liz-zewg genituri b'mod kongunt. Fic-cirkostanzi huwa indikat illi l-kura u kustodja ghandha tigi affidata esklussivament f'idejn omm il-minuri.

"Dwar jekk il-missier ghandux ikollu access ghall-minuri, il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-**Psiko Terapista Melissa Agius** moghtija quddiem il-Qorti[2] minn fejn jirrizulta id-diffikultajiet li hemm fir-relazzjoni bejn il-missier u uliedu. Il-Psiko Terapista spjegat illi minn dak li irrizultalha meta ltaqghet mat-tfal, ilkoll jghidu li ma jridux jiltaqghu ma' missierhom. Tali reazzjoni minn erbat itfal li l-izghar fosthom ghandu biss tmien snin f'cirkostanzi ohra wiehed ikun intitolat jissuspetta li hemm pressjoni mill-omm fuq l-ulied sabiex izommu boghod minn missierhom.

[1] Ara t-tieni paragrafu tar-risposta guramentata tieghu a fol. 31
[2] Fol. 726

"Pero' meta l-indagini fir-rigward giet approfondita u gew ezaminati l-esperjenzi koroh u negativi li l-minuri kellhom fir-rigward ta' missierhom, il-Qorti hi tal-fehma illi r-reazzjoni tal-minuri fil-konfront ta' missierhom hija r-rizultat dirett tal-agir vjolenti u abbuziv tieghu mhux biss fil-konfront ta' ommhom, hafna drabi fil-presenza ta' l-ulied, izda wkoll xi minn daqqiet fil-konfront dirett tat-tfal stess.. L-episodju ta' vjolenza psikologika kommessa mill-konvenut fil-konfront ta' bintu u l-kundanna tal-konvenut mill-Qorti tal-Magistrati ghal xahar prigunerija sospizi ghal sentejn, huwa prova bizzejjed ghaliex uliedu ma jridux jiltaqghu ma' missierhom. Lill-Psiko-Terapista it-tfal irrakkontawlha diversi episodji li jistghu jaqghu taht il-kategorija ta' abbuz fiziku u/jew sesswali izda ma kenitx f'posizzjoni li tapprofondixxi l-indagini taghha.

"Mill-atti jirrizulta wkoll illi l-indagini li kienu ghamlu l-Pulizija fil-konfront tal-konvenut ma kienux konklussivi peress li baqa' ma giex imressaq 'il Qorti.

"Pero', kif tajjeb osservat il-Psiko-Terapista, hemm htiega illi qabel ma jigi kkunsidrat xi forma ta' access tal-missier versu uliedu huwa mehtieg li t-tfal jghaddu minn terapija, u huwa biss jekk tali terapija twassal ghal rigenerazzjoni ta' relazzjoni sana bejn il-missier u uliedu li l-access ikun rakkomandat. Sakemm jintlahaq tali fini, kuntatt bejn il-missier u l-minuri ma hux rakkomandabbli u huwa ta' hsara ghall-minuri.

**Manteniment ghall-Ulied.**

"Il-provvedimenti legali fil-Kodici Civili referibbli ghad-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment lill-uliedhom huma s-segwenti:-

"**Artikolu 7.**

"*(1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.*

"**Artikolu 19.**

"*(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*

"*(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.*

"**Artikolu 54.**

- omissis

"*(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u*

*għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied, inkluż dan li ġej:*

"*(a) il-bżonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tagħhom;*

"*(b) xi diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali;*

"*(ċ) ċirkostanzi ta' mard li tant ikunu serji u gravi li jikkompromettu l-kapaċità tal-miżżewġin jew ta' l-ulied li jmantnu lilhom infushom;*

*- omissis*

"*(e) kull qligħ jew benefiċċju li l-miżżewġin, jew min minnhom, jirċievu skont il-liġi, minbarra kull għajnuna soċjali li mhix kontributorja li tkun qed titħallas lilhom taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali:*

"*Iżda, għall-fini ta' dan il-paragrafu, għandha titqies il-pensjoni għad-diżabilità taħt l-artikolu 27 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali;*

"*(f) il-ħtiġiet għall-akkomodazzjoni tal-miżżewġin u tal-ulied;*

*- omissis -*

"*(4) Il-qorti fl-għoti tal-manteniment tista' tipprovdi wkoll għall-mod ta' kif dan jista' jawmenta minn żmien għal żmien.*

*- omissis -*

"*(7) Il-qorti tista' tordna, skont iċ-ċirkostanzi, li l-ħlas tas-somma globali msemmija fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu jsir f'għadd ta' skadenzi ndaqs jew mhux indaqs mifruxa fuq perijodu ta' żmien xieraq.*

"*(8) Il-qorti tista' wkoll tordna li, minflok dik is-somma globali, imsemmija fis-subartikolu (5), kollha jew parti minnha, il-parti li jkollha tħallasha tagħti lill-parti l-oħra proprjetà b'titolu ta' proprjetà jew użufrutt, jew għall-użu jew abitazzjoni.*

"Huwa ghalhekk id-dover taz-zewg genituri li jikkontribwixxu ghall-manteniment tal-ulied komuni taghhom. Daqstant iehor huwa d-dover ta' kull genitur illi b'mod responsabbli jiggenera dhul adegwat sabiex ikun jista' jipprovdi ghall-ghixien decenti ta' uliedu jew uliedha. F'dan ir-rigward il-konvenut jonqos bi kbir. Kif gia' fuq rilevat, l-istorja lavorativa tal-konvenut hija mizghuda b'episodji illi maghduda flimkien jirrispekkjaw agir u karattru mhux denju ta' genitur responsabbli. L-agir irrespondabbli tieghu fuq il-post tax-xoghol meta kien impjegat ma' kumpanija li qed tipprovdilu kondizzjonijiet tax-xoghol u salarju tajjeb hafna wassal sabiex

wara numru ta' 'warnings' tkecca minn fuq il-post tax-xoghol.(ara xhieda ta' Albert Fenech ghan-nom ta' ST Electronics a fol. 612 u l-ittra tal-Human Resources Director intitolata 'Termination of Employment a fol. 615).

"Ra kif ghamel sabiex waqqaf lill-attrici li dak iz-zmien kienet tbiegh il-haxix sabiex johdilha l-posta fs-suq fejn kienet tarma.. Izda ghal ragunijiet li ma tridx wisq sforz tifhem, anke hawn il-konvenut falla u kellu jwaqqaf dik l-attivita' ta' bejgh ta' haxixi..

"Meta l-atttrici, rinfaccjata b'din l-attitudni tal-konvenut, ippruvat tkompli tbiegh il-haxix minn band' ohra mar jirrapportaha.

"Irid hawn jinghad ukoll illi stante li l-attrici qeghda trabbi maghha erbat itfal, il-hin disponibbli ghaliha ghax-xoghol huwa certament ferm inferjuri minn dak tal-konvenut. Ghalhekk f'dan is-sens ukoll l-attrici hija zvantagjata fil-konfront tal-konvenut peress li trid tiddedika hin sabiex tiehu hsieb lill-ulied.

"F'episodju iehor il-konvenut talab formalment lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jikkancellaw il-licenzja tat-trobbija tat-tigieg li kienet fuq ismu izda li kienet topera l-attrici. F'din il-hidma taghha konsistenti fit-trobbija tat-tigieg l-attrici kienet tiggenera dhul iehor biex tkun tista' tmantni lit-tfal kif ukoll kienet tircevi sussidju ta' circa €8,000.00. B'dan l-agir tal-konvenut anke dan id-dhul tal-attrici waqaf hesrem.

"Illum il-gurnata l-konvenut huwa impjegat bhala xufier. L-ahhar dokumenti pprezentati fil-kawza f'dan ir-rigward juru li ghandu salarju gross ta' circa €770.00 fix-xahar.

"Fil-mori ta' dawn il-proceduri l-konvenut kien gie kundannat ihallas lill-attrici bhala manteniment *pendente lite* ghall-erba' minuri s-somma ta' €653.00 fix-xahar. Il-konvenut jilmenta li c-cirkostanzi tieghu ma jippermettulux li jhallas dan il-manteniment.

"Konsidrat l-agir abbuziv u irresponsabbli tal-konvenut matul is-snin f'dak li ghandu x'jaqsam max-xoghol u mal-potenzjal tax-xoghol, il-Qorti mhiex qed taccetta l-pretensjoni tal-konvenut li m'ghandux minn fejn imantni adegwatament lill-uliedu. Accettazzjoni tal-pretensjoni tal-konvenut ikun iffiser li l-Qorti tkun qed tippremja lil min volontarjament u intenzjonalment jaghmel minn kollox sabiex icahhad lilu nnifsu minn dhul akbar li kapaci jiggenera.

"Ghalhekk f'dan is-sens u ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Perit Legali illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-erbat itfal minuri s-somma ta' **€694.00 fix-xahar** (€173.50 fix-xahar ghal kull wild) .

"**Manteniment ghall-Attrici**.

"In tema legali ssir referenza ghas-sentenza **Catherine Mifsud v. Louis Mifsud** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru 2013 fejn intqal li "Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm il-bzonn (L-Artikolu 20.1 tal-Kodici Civili jghid li l-manteniment ikun dovut skont il-bzonn ta' min qed jitolbu). Skond is-subincizi l-ohra tal-istess artikolu l-manteniment ghandu jigi iffissat skont il-mezzi ta' min huwa obligat jivversah u dawn il-mezzi jinkludu l-qliegh mill-attivita` tieghu u anke l-utili tal-beni tieghu."

"Mill-atti irrizulta illi ghar-ragunijiet fuq spjegati l-attrici spiccat minghajr dhul jew dhul minimu. Kif rajna dan kien rizultat tal-agir irresponsabbli tal-konvenut. Ghalhekk hemm bzonn li l-attrici tigi mantnuta. Pero', kif tajjeb osservat il-Perit Legali, dan ghandu jkun ghal zmien limitat sakemm l-attrici tkun tista' torganizza attivita' kummercjali wahedha minghajr xkiel u ostakoli da parti ta' zewgha una volta issa l-komunjoni tal-akkwisti qed tigi terminata.

"F'dan ir-rigward il-Perit Legali qed tirrakkomanda li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' €8,000.00 fis-sena (€666.66 fix-xahar) ghal perijodu ta' hames snin sakemm tkun waqfet fuq saqajha finanzjarjament. Fil-fehma tal-Qorti tali ammont huwa xi ftit jew wisq eccessiv u z-zmien suggerit huwa wkoll pjuttost itwal milli mehtieg. Il-Qorti tqis illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett mija u hamsin euro (€350) fix-xahar ghal zmien sentejn millum.

"Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz filwaqt li l-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Perit Legali li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas manteniment ghall-attrici personalment ghal zmien limitat tenut kont tal-azzjonijiet kollha tieghu sabiex johnoq id-dhul tal-attrici, ghalkemm bil-quantum u biz-zmien ridott kif fuq spjegat, hi tal-fehma pero' li f'dan il-kaz partikolari jkun aktar opportun li l-Qorti tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici somma globali in sodisfazzjoni tal-manteniment lilha dovut. Il-Qorti qed tasal ghal tali konkluzzjoni tenut kont tad-diffikultajiet kbar li l-attrici irriskontrat sabiex tenforza l-ordnijiet s'issa moghtija mill-Qorti lill-konvenut fir-rigward tal-manteniment *pendente lite*. Bizzejjed issir referenza ghal dawn il-proceduri penali kontra l-konvenut sabiex wiehed jifhem il-gravita' tas-sitwazzjoni fir-rigward:-

- "Appell Kriminali 347/13 datat is-6 ta' Dicembru 2013 fejn l-konvenut instab hati talli naqas ihallas il-manteniment minnu dovut minn Awwissu 2011 sa Dicembru 2011. Il-Qorti wara illi nnutat li matul l-udjenza li nzammet quddiemha l-flus in kwistjoni thallsu lir-rikorrenti, illiberat lill-konvenut ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mid-data tas-sentenza.

- “Appell Kriminali 348/13 datat is-6 ta' Dicembru 2013 fejn l-konvenut instab hati talli naqas ihallas il-manteniment minnu dovut minn Ottubru 2012 sa Dicembru 2012. Il-Qorti wara illi nnutat u matul l-udjenza li nzammet quddiemha l-flus in kwistjoni thallsu lir-rikorrenti, illiberat lill-konvenut ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mid-data tas-sentenza.

- “Appell Kriminali 35/12 datat il-25 ta' Ottubru 2012 fejn l-konvenut instab hati talli naqas ihallas il-manteniment minnu dovut ghax-xhur ta' Gunju 2011 u Lulju 2011 u fejn l-imsemmija Onorabbli Qorti kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, b'dan illi l-konvenut gie kkundannat gimaghtejn detenzjoni.

- “Appell Kriminali 265/11 datat is-26 ta' Ottubru 2011 fejn l-konvenut instab hati talli naqas ihallas il-manteniment minnu dovut ghax-xhur ta' Jannar 2011 u Frar 2011 u fejn l-imsemmija Onorabbli Qorti - tenut kont tal-fatt li l-konvenut hawn indikat kien ghadu kif sab impieg gdid - kienet tal-fehma illi 'ghal din id-darba ghandha taghti lill-appellant l-opportunita' biex iwettaq dak li huwa fid-dmir li jaghmel'. Kien ghal din ir-raguni illi l-Qorti tal-Appell rriformat is-sentenza ta' prigunerija moghtija mill-Qorti fl-Ewwel Istanza billi lliberat lill-konvenut ai termini tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sitt xhur. Jigi osservat illi din l-opportunita' akkordata lill-konvenut bl-ebda mod ma giet rispettata jew onorata u dan kif immanifestat car mill-ezitu tas-sentenzi su-riferiti .

- “Appell Kriminali 85/11 datat 1-20 ta' Lulju 2011 fejn l-konvenut instab hati talli naqas ihallas il-manteniment minnu dovut minn Gunju 2010 sa Settembru 2010 u fejn l-Onorabbli, filwaqt illi kkonkludiet illi 'f'dan l-istadju' ma ghandhiex taghti sentenza ta' prigunerija, kkundannat lill-imsemmi konvenut gimaghtejn detenzjoni.”

“Jirrizulta wkoll mill-atti illi sal-10 ta’ Gunju 2014 akkumulaw f’arretrati ta’ manteniment *pendente lite* s-somma ta’ **€24,732.00.**[3]

“**Komunjoni tal-Akkwisti**.

“Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi d-dar matrimonjali inbniet fuq art parafernali tar-ragel. L-attrici tippretendi li tigi kumpensata ghal sehemha mill-benefikati. Hemm kuntrast bejn il-partijiet dwar il-valur ta’ dawn il-

[3] Fol. 789

benefikati. Ghalhekk il-Qorti innominat lill-Perit Tekniku Alan Saliba sabiex jaghmel valutazzjoni tal-benefikati *de quo.*

“Hemm ukoll hames garaxxijiet li jinstabu sottostanti d-dar matrimonjali li wkoll inbnew fuq art parafernali tar-ragel. M’hemmx qbil bejn il-partijiet dwar il-valur ta’ benefikati li saru mill-partijiet u allura m’hemmx qbil dwar il-quantum tal-ammont li ghandu jhallas il-konvenut lill-attrici fir-rigward.

“Skond il-konkluzzjonijiet fir-rapport tal-Perit Tekniku Alan Saliba[4] il-benefikati li saru mill-partijiet fid-dar matrimonjali ‘Lilly of the Valley’, Triq il-Kbira k/m Triq Mikelang Sapiano, Zebbug, jammontaw ghal €44,250 u l-benefikati li saru mill-attrici jew flimkien jammontaw ghal €600.00. Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ tnejn u ghoxrien elf, erba’ mija u hamsa u ghoxrien euro **(€22,425)** rapprezentanti sehem l-attrici mill-ispejjez li intefqu sabiex saru l-benefikati fid-dar matrimonjali.

“Fir-rigward tal-garaxxijiet il-Perit Saliba kkonkluda illi l-valur tal-benefikati maghmula fihom mill-partijiet flimkien jammonta ghal €14,800. Ghaldaqsant il-Qorti qed tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ sebat elef u erba’ mitt euro (**€7,400**).

“In sodisfazzjoni ta’ dan il-kreditu favur l-attrici ta’ circa €30,000 il-Qorti qed tordna li l-**garaxx numru tnejn (2)**, sottostanti l-fond ‘Lilly of the Valley’, Triq il-Kbira k/m Triq Mikelang Sapiano, Zebbug, jigi assenjat lill-attrici in sodisfazzjon tal-kreditu taghha referibbli ghall-benefikati fid-dar matrimonjali u fil-garaxxijiet proprjeta’ parafernali tar-ragel.

“Illi dwar l-arretrati ta’ manteniment dovut mill-konvenut ,li sal-10 ta’ Gunju 2014 akkumulaw fis-somma ta’ €24,732.00, il-Qorti qed tordna li in sodisfazzjoni tal-hlasijiet ta’ arretrati ta’ manteniment *pendente lite* dovuti **sallum (u mhux sal-10 ta’ Gunju 2014)** qed jigi assenjat lill-attrici l-**garaxx numru wiehed (1)**, sottostanti l-fond ‘Lilly of the Valley’, Triq il-Kbira k/m Triq Mikelang Sapiano, Zebbug.

“L-**Ghalqa “Ta’ Wicc ir-Rahal” jew “Ta’ Piccjottu”, limiti ta’ Haz-Zebbug, Malta**, formanti parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti stmata mill-Perit Tekniku li tiswa €180,000.00 ghandha tinbiegh taht l-awtorita’ tal-Qorti u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

“L-attrici qed tippretendi li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha parti mis-sussidju li kien irceva fir-rigward tat-trobbija tat-tigieg. Jirrizulta illi filwaqt li l-attrici kienet qed tezercita attivita’ konsistenti fi trobbija tat-tigieg minhabba li fiz-zwieg il-partijiet kineu ottjenew licenzja relativa li saret f’isem il-konvenut, il-konvenut kien qed jircevi s-sussidji kollha hu f’ismu u ma kien qed jghaddi xejn lill-attrici. Luciano Chetcuti, Senior Principal fit-

---

[4] Fol. 761

Trade Mechanisms Unit, Paying Agency, tal-Ministeru responsabbli mill-Affarijiet Rurali xhed illi bejn is-sena 2002 u s-sena 2008 il-konvenut irceva b'kollox is-somma ta' tmienja u erbghin elf, erba' mija u tmienja u hamsin euro (€28,458) f'sussidji. L-attrici xhedet illi l-konvenut m'ghaddielha xejn minn dawn il-flus. Il-Qorti qed tikkonsidra din ix-xhieda attendibbli. Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova x'ghamel b'dawn il-flus u ma ta ebda rendikont lill-attrici.

Ghalhekk tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' erbatax-il elf, mitejn u disgha u ghoxrien euro (€14,229).

"Fir-rapport peritali jinghad li l-partijiet huma proprjetarji tal-ishma f'din il-kumpanija li kienet giet registrata sabiex il-partijiet xtraw xi beni immobbli fil-Bulgarija. F'seduta mizmuma quddiem il-Perit Legali rapprezentant tal-MFSA kienet xhedet illi mir-ricerki li ghamlet ma hemm l-ebda ishma registrati f'isem xi hadd mill-partijiet. (fol. 594). Filwaqt li ghall-finijiet ta' din il-kawza l-assi tal-kumpanija u d-dejn taghha favur terzi ma jiffurmawx parti mill-passiv jew l-attiv tal-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti qed tordna illi l-ishma kollha f'din il-kumpanija ghandhom jinqasmu nofs favur l-attrici u nofs favur il-konvenut.

"Dwar **il-Flat f'Kent Street, Fgura, Toyota nru LAB-932, Toyota nru FAB-865, ishma** fil-kumpanija SGS ta' valur ta' €6,522.35, **licenzja** ghall-bejgh tal-haxix, **permess** ghat-trobbija tat-tigieg u kontijiet bankarji, il-Qorti tikkondividi il-konkluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Perit Legali fir-rigward li qed tadotthom u ghalhekk jifformaw parti integrali minn din id-decizzjoni.

"Fir-rigward ta' dejn misluf lill-partijiet minn omm il-konvenut, filwaqt li z-zewg partijiet jaqblu li kien hemm tali dejn ma jaqblux dwar il-quantum tal-istess. Peress li omm il-konvenut mhiex parti fil-kawza odjerna, kwalunkwe pronunzjament ta' din il-Qorti fir-rigward tal-quantum tad-dejn dovut mill-partijiet lil omm il-konvenut ma jkunx vinkolanti fuq omm il-konvenut. Ghalhekk il-Qorti ser tillimita ruhha filli tiddikjara illi kwalunkwe dejn li jirrizulta fi proceduri ohra dovut mill-partijiet lil omm il-konvenut ghandu jithallas f'sehem indaqs bejniethom.

"L-istess konsiderazzjonijiet qed jigu applikati fir-rigward ta' dejn li huwa pretiz minn certu Emanuel Azzopardi.

"Dwar dejn dovut mill-partijiet lill-Bank of Valletta plc. Jirrizulta illi inghatat sentenza fl-ismijiet "**Bank of Valletta plc vs. Joseph u Jacqueline konjugi Balzan**" mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Gunju 2010 Permezz ta' din is-sentenza il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ikkundannat lil Joseph u Jacqueline mizzewgin Balzan ihallsu lil Bank of Valletta plc s-somma ta' tlieta u disghin elf, disa' mija u sitta u tletin Euro u sitt centezmi (€93,936.06) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Joseph u

> Jacqueline mizzewgin Balzan mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-19 ta' Jannar 2010 sad-data ta' l-effettiv pagament. Ghalhekk jinsab gia' deciz illi d-dejn dovut lil Bank of Valletta plc jispetta li jigi saldat miz-zewg partijiet.
>
> "Rigward **appartament** li l-partijiet ghandhom **f'Kent Street, Fgura,** l-attrici qed tippretendi illi gialadarba dan gie irkuprat mill-konvenut minghajr il-kunsens taghha allura hija qed tirrinunzja ghal kwalunkwe sehem li jista' jkollha minnu u qed tippretendi li tigi ghalhekk mehlusa minn kwalunkwe dejn li hemm dovut lill-bank.
>
> "Tenut kont illi l-irkupru sar matul iz-zwieg u tenut kont li d-dejn dovut lill-bank huwa gia kanonizzat kontra z-zewg partijiet permezz tas-sentenza fuq citata, il-Qorti qed tordna illi dan l-appartament ghandu jinbiegh mir-rikavat tieghu jithallas id-dejn li huwa ipotekat fuq l-istess u jekk ikun fadal xi bilanc dan ghandu jinqasam ugwalment bejn iz-zewg partijiet.

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka u tbiddel is-sentenza msemmija billi tilqa' l-aggravji tieghu;

Rat ir-risposta tal-attrici li permezz taghha fil-waqt li opponiet ghat-talbiet tal-appellant, talbet li tigi konfermata s sentenza;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru 2015 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell;

Ikkonsidrat;

Illi l-appellanti qed iressaq numru ta' lanjanzi u ghalhekk dawn se jigi diskussi wara xulxin.

**L-EWWEL AGGRAVJU**

L-ewwel aggravju huwa li l-appellant jghid li ma kellux jigi addossat wahdu bi htija ghat-tifrik taz-zwieg u allura bi spejjez tal-kawza ghaliex il-htija kienet ukoll tal-appellata.

Din il-Qorti kemm-il darba esprimiet ruhha illi fi stadju ta' appell mhux normali li jigi disturbat l-apprezzament ta' fatti li dwarhom ikunu tressqu l-provi quddiem l-ewwel Qorti illi allura tkun iddecidiet dwar dawk il-fatti. Dwar dan il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjoniali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissuggerixxu mod iehor*".

Naturalment huwa xorta dover ta' din il-Qorti li tezamina tajjeb l-atti tal-kawza anke f'dan ir-rigward; *"Din il-Qorti pero` f'kull kaz tapprezza wkoll li*

*d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.*" (**Attard et v. Direttur tas-Sahha**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).

Il-Qorti ezaminat kif imsemmi, l-atti tal-kawza u ma ssibx li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-Ewwel Qorti ghaliex ma tirrizultalha ebda nuqqas gravi jew serju bizzejjed. Din il-Qorti taqbel li ghandha ssib lill-konvenut responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg ghall-istess raguni illi semmiet l-Ewwel Qorti. L-appellant esebixxa xi ritratti mar-rikors tal-appell li skont hu jindikaw li l-appellata issa ghandha relazzjoni ma' ragel iehor. Anke jekk dan huwa minnu, il-fatt jibqa' li kien hu li ikkawza t-tifrik taz-zwieg bil-komportament tieghu kif fuq imsemmi. F'dan l-aspett, ikun farrak iz-zwieg min ikun responsabbli l-ewwel ghal wiehed mill-addebiti li l-ligi tqis bhala ragunijiet biex wahda mill-partijiet setghet titlob is-separazzjoni (Ara - **Tonna v. Tonna**, Qorti tal-Familja, deciza fit-23 ta' Ottubru 2015).

Kwindi kif inghad, f'dan ir-rigward il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti, anzi zzid tghid li taqbel perfettament li kien l-istess appellant li wassal ghat-tifrik taz-zwieg bil-komportament tajjeb kif tajjeb spjegat mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti izzid

biss li thoss li ghandha ticcensura b'mod specjali il-mod kif l-appellant abbanduna lill-attrici u halliha wahidha biex trabbi erbat itfal li kif jidher mill-atti kienu ta' eta` zghira hafna u l-mod kif anke ivvendika ruhu mill-attrici meta bl-azzjonijiet tieghu intilfet il-licenzja li minnha hija setghet taqla' l-flus ghal familja.

**IT-TIENI AGGRVJU**

Dan l-aggravju jirrigwarjda l-access ghall-minuri peress li l-Ewwel Qorti iddecidiet li qabel ma l-appellant ikollu xi forma ta' access ghandu jkun hemm terapija ghall-minuri biex tigi restiwita forma ta' kuntatt bejnhom u l-appellant stante li ghal dawn l-ahhar snin dan il-kuntatt kien nieqes ghal kollox.

Din il-Qorti wara li qieset sewwa l-provi prodotti matul il-kawza u fuq kollox l-istat ta' fatt prezenti thoss li ghandha taqbel ma' dak illi iddecidiet l-Ewwel Qorti. Kwalunkwe Qorti illi jkollha l-kompitu difficli illi tiddeciedi fuq kwistjonijiet simili ghandha l-ewwel u qabel kollox tosserva l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili illi jghid li l-Qorti ghandha dejjem tiddeciedi **fl-ahjar interess tal-minuri**. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Meli v. Meli** deciza fil-5 ta' Dicembru 2014).

Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **John Cutajar v. Amelia Cutajar** (28 ta' Jannar 1956) l-istess Qorti qalet; "*apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominant 'in subiecta materia' li jiddetermina normalment il-kwistjonijiet bhal din insorta f din il-kawza huwa dak tal-aktar utitlita` u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkustanzi personali u de facto li jkunu irrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut*"*.* Anke fil-kawza fl-ismijiet **Jennifer Portelli v. John Portelli** (25 ta' Gunju 2003) l-istess Qorti qalet li *"il-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew fil-ligi antika u anke dik vigenti kif ukoll ta' gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita` u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkostanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissugerixxu*".

F'dan il-kaz, apparti l-incidenti bejn il-partijiet, li sfortunatament huma komuni f'kawzi simili, l-appellant kellu anke incidenti ma' uliedu u dawn ma setghux ma affettwawhomx fir-relazzjoni taghhom mieghu. Huwa specjalment deplorevoli l-incident li kellu ma' bintu Filippa illi spicca anke l-Qorti. Barra minn hekk, il-minuri trabbew ghal hafna snin minghajr il-prezenza ta' missierhom u allura ma jistax ma jkunx hemm rizentiment bejniethom. Ghalhekk din il-Qorti taqbel li qabel ma jigi stabilit xi forma ta'

kuntatt, ghandha ssir il-preparazzjoni necessarja biex ma ssirx hsara lill-minuri.

L-aggravju in kwistjoni huwa allura michud.

**IT-TIELET U R-RABA' AGGRAVJU**

Taht dan l-aggravju l-appellanti talab li tigi revokata l-parti tas-sentenza li permezz taghha gie ordnat il-hlas ta' manteniment ghall-appellata. Dan jammonta ghal €350 fix-xahar ghal perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza. Hawn ta' min jghid illi skont l-Artikolu 51 u 52 tal-Kodici Civili l-Qorti tista' ma tapplikax id-disposizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 (fosthom it-telf tad-dritt tal-manteniment jekk ikun il-kaz). L-appellant qed jitlob ukoll tnaqqis fir-rata ta' manteniment li gie ordnat ihallas ghal uliedu (€694 fix-xahar).

F'dan il-kaz l-appellata ma giet akkolata ebda tort ghas-separazzjoni u allura l-Artikolu in kwistjoni ma' japplikax. Madankollu l-appellant qed isostni li ma ghandux mezzi biex ihallas dan l-ammont ta' manteniment ghaliex ma ghadx ghandu l-istess impjieg li kien irendielu kwazi d-doppju tas-salarju li ghandu bhalissa u cioe` circa €800 fix-xahar, tenut kont ukoll tal-manteniment li huwa ordnat ihallas ghal uliedu. Jghid ukoll li l-appellata

giet assenjata l-licenzja ghall-bejgh tal-haxix u li kwindi ghandha l-mezzi biex tmantni lilha innifisha.

Kif intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Catherine Mifsud v. Louis Mifsud** deciza fil-25 ta' Ottubru 2013 u citata anke fis-sentenza appellata, "*Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta* ***hemm il-bzonn*** *(L-Artikolu 20.1 tal-Kodici Civili jghid li l-mantement ikun dovut skont* ***il-bzonn*** *ta' min qed jitolbu)".*

Dan l-artikolu jkompli jghid hekk:

> "(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.
>
> "(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt *trust*.
>
> "(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.
>
> "(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt *trust*."

L-artikolu ta' wara mbaghad jghid hekk;

> "**21.** (1) Meta min jagħti l-manteniment jiġi fi stat li ma jkunx jista' jagħti aktar il-manteniment kollu jew biċċa minnu, hu jista' jitlob li jkun meħlus

> mill-obbligu tiegħu jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment, skont ma jkun il-każ.
>
> "(2) Dan jgħodd ukoll jekk il-bżonn ta' min ikun jirċievi l-manteniment jispiċċa għal kollox jew f'parti."

Il-Qorti wara li ezaminat il-provi fir-rigward ma tistax ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li l-appellant gab ruhu fis-sitwazzjoni li jinsab fiha llum huwa stess meta anke ghamel li seta' biex inaqqas il-possibilta` tal-appellata li zzid fl-introjtu taghha. Taqbel ukoll mal-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjoni taghha illi huwa stess "*intenzjonalment ghamel minn kollox sabiex icahhad lilu nnifsu minn dhul akbar li kapaci jiggenera*". Madankollu jidhrilha li fic-cirkostanzi prezenti u cioe` is-salarju prezenti tal-appellant, hemm lok ta' tnaqqis tal-manteniment tal-appellata; ghalhekk se tnaqqas l-ammont li ghandu jhallasha ghall-istess perjodu ta' sentejn ghal €200 fix-xahar, b'kollox €4,800. Fir-rigward tal-minuri pero` ma hemmx lok ghall-ebda tnaqqis. B'hekk l-appellant ma jkunx jista' jghid li gie ikkundannat ihallas ammont akbar milli jippercepixxi, fl-isfond tad-diversi kawzi kriminali li kien hemm proprju ghaliex huwa ma kienx qed ikun puntwali fil-hlas tal-manteniment ordnat mill-ewwel Qorti matul il-kors tal-kawza.

**IL-HAMES U S-SITT AGGRAVJU**

L-aktar aggravji komplessi li jirrijkedu investigazzjoni profonda huma appuntu dawn l-aggravi. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ma kellhiex

tassenja lill-appellata il-garaxxijet (tnejn) sottostanti d-dar matrimonjali u dan in sodisfazzjon tal-arretrati dovuti minnu ghall-hlas ta' manteniment.

Kwantu ghall-hames aggravju din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti illi gustament irriteniet illi jkun ahjar fic-cirkostanzi li tadotta is-subincizi li gejjin tal-istess Artikolu 54;

> "*(5) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, meta tiġi deċiża l-firda, il-qorti tista', jekk hekk jidhrilha xieraq fiċ- ċirkostanzi, tordna lill-parti responsabbli għall-manteniment li tħallas lill-parti l-oħra, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali, li fil-fehma tal-qorti tkun biżżejjed sabiex il-parti li jkollha tirċievi l-manteniment tkun finanzjarjament indipendenti jew inqas dipendenti mill-parti l-oħra, skont il-każ.*
>
> "*(6) Għall-finijiet tas-subartikolu (5), il-qorti għandha, fost iċ-ċirkostanzi, tqis il-possibilità li l-persuna li lilha għandu jitħallas manteniment tkunx tista' tirċievi taħriġ jew taħriġ mill-ġdid fi professjoni, arti, sengħa jew ħidma oħra, jew biex tibda jew tkompli ħidma li toħloq dħul ta' flus, u tordna l-ħlas ta' somma globali għal dak l-iskop.*
>
> "*(7) Il-qorti tista' tordna, skont iċ-ċirkostanzi, li l-ħlas tas-somma globali msemmija fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu jsir f'għadd ta' skadenzi ndaqs jew mhux indaqs mifruxa fuq perijodu ta' żmien xieraq.*
>
> "*(8) Il-qorti tista' wkoll tordna li, minflok dik is-somma globali, imsemmija fis-subartikolu (5), kollha jew parti minnha, il-parti li jkollha tħallasha tagħti lill-parti l-oħra proprjetà b'titolu ta' proprjetà jew użufrutt, jew għall-użu jew abitazzjoni.*"

L-appellant jilmenta li fil-mori tal-kawza huwa hallas l-ammont dovut skont is-sentenza appellata liema ammont tqies mill-Qorti fid-decizjoni taghha li tassenja l-proprjeta` in kwistjoni; jghid ukoll li l-Artikolu 54 japplika biss ghal manteniment li jkun dovut fil-futur u mhux dak li jkun gia` dovut. Din il-Qorti

ma taqbilx ma’ dan; l-ammonti li l-appellant isemmi li hallas ikopru ammonti li kienu **gia` dovuti**; huwa ma jsemmi xejn dwar l-ammonti li huma dovuti mid-data tas-sentenza appellata sal-lum. Kwantu ghall-argument li l-Artikolu 54 japplika biss ghall-manteniment futur, dan ma jirrizultax mil-ligi… … … . Kull ma ghamlet l-ewwel Qorti kien li issostitwiet ammont gia` dovut mill-appellant bhala manteniment bi proprjeta`, naturalment stmata mill-espert tekniku bhala ekwivalenti ghall-ammont dovut imsemmi; b’dan il-mod evitat proceduri ulterjuri li jkunu ta' hsara u spejjez ohra zejda ghall-partijiet.

L-appellant permezz tas-sitt aggravju tieghu qed isostni li l-ewwel Qorti ma setghetx tassenja l-propjeta` msemmija a saldu tal-kreditu parafernali tal-appellata ghaliex dan il-kreditu huwa monetarju u allura l-Qorti kellha se mai tordna l-hlas ta' dak l-ammont u mhux tassenja l-proprjeta`. Din il-Qorti ma tara xejn hazin li minflok flus, il-kreditur f’kawza simili jigi assenjat il-proprjeta` li tkun tifforma parti mill-assi tal-partijiet, kemm jekk ikunu parafernali u kemm formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Anke b’din il-mizura, il-Qorti evitat proceduri komplikati futuri li fil-fatt setghu ikunu kawza ta' spejjez li finalment x’aktarx kien ikollu jaghmel tajjeb ghalihom l-istess appellant.

L-aggravji msemmija huma ghalhekk respinti.

**IS-SEBA' AGGRAVJU**

L-ahhar aggravju tal-appellant huwa rigward somma ta' €14,229 li l-ewwel Qorti ordnatlu jhallas lill-appelata, rapprezentanti nofs sussidju li ircieva mill-Ministeru tal-Affarijiet Rurali bejn l-2002 u 2008 ghaliex isostni li dawn il-flus intuzaw ghall-bzonnijiet ta' familja.

L-ewwel Qorti ma emmnitux u qalet li kif gia` ssemma', hija kienet qed temmen lill-attrici meta qalet li fil-fatt l-appellant ma kien ghaddielha xejn minn din is-somma; anke fuq dan l-aspett din il-Qorti tirreferi ghal dak li gia` qalet meta jkollha tiddeciedi dwar apprezzament tal-fatti u mill-atti tal-kawza tikkonkludi li ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tal-Qorti li semghet il-provi. Din il-Qorti anzi zzid tghid ukoll li mill-komportament tal-appellant kif jirrizulta wkoll mill-istess atti, il-verzjoni tal-attrici hija ferm aktar verosimili.

Dan l-aggravju ghalhekk huwa michud ukoll.

**SPEJJEZ**

Fir-rigward tal-ispejjez tal-ewwel istanza dan jirrifletti dak deciz rigward ir-responsabbilita` u allura din il-Qorti taqbel ukoll li l-ispejjez tal-kawza kellhom jigu mhallsa mill-konvenut. Fir-rigward tal-appell peress li s-

sentenza qed tigi ikkonfermata kwazi fl-intier taghha, anke dawn ghandhom ikunu a kariku tal-appellant.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell tilli tilqghu biss limitatament ghat-talba tal-appellant biex jigi ridott il-manteniment ghall-attrici u dan billi huwa qed ikun ordnat ihallasha s-somma ta' erbat elef u tmien mitt euro (€4,800) pagabbli b'rata ta' mitejn euro (€200) fix-xahar bhala manteniment ghaliha minflok ir-rati msemmi fis-sentenza appellata; mill-bqija tikkonferma interament is-sentenza appellata, kompriz il-kap tal-ispejjez; l-ispejjez tal-appell jithallsu wkoll mill-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Agent President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df